MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2015

Talba Numru. 185/2013

**Gasan Mamo Insurance Limited (C-3143)**

**Vs**

**All Freight Limited (C-3690)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tas-Socjeta' attrici, pprezentat fil-25 ta' Marzu, 2013 li permezz tieghu ppremettiet illi:

Is-Socjeta' konvenuta ghandha tigi kkundanata thallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' elf, sitt mija u erbgha u sittin ewro u sittax-il centezmu (€1,664.16c) rapprezentanti danni sofferti

mill-assikurata tas-Socjeta’ attrici Toly Products Limited relattiva ghall-konsenja ta’ ‘*plastic containers’* li kellhom jigu trasportati minn Malta lejn l-Amerika u li garrbu hsarat fl-ammont fuq indikat, liema ammont gie mhallas mis-Socjeta’ attrici lis-Socjeta’ Toly Products Limited u li b’hekk saret id-debita surroga, u li ghal liema hsarat hija responsabbli s-Socjeta’ konvenuta.

Bl-ispejjez, u bl-interessi mid-data tal-prezentata tal-avvizi kontra s-Socjeta’ konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-Subizzjoni.

Rat ir-risposta tas-Socjeta’ konvenuta datata 24 t’ April, 2013 fejn eccepixxiet illi:

It-talbiet attrici huma nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt stante li s-Socjeta’ ntimata ma tistax titqies responsabbli ghall-allegati danni kkawzati u dan peress li l-oggetti telqu minn Malta fi stat tajjeb u kwalunkwe allegati danni ma sarux *da parti* tal-istess Socjeta’ ntimata;

Illi *di piu*, ma ngabet l-ebda prova in sostenn tal-fatt li l-oggetti kienu tassew dannegjati kif qieghed jigi allegat;

Illi fi kwalunkwe kaz, irid jigi ppruvat li ai termini tal-polza, l-assikurati kienu tassew intitolati ghall-pagament mis-Socjeta’ attrici;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz huwa eccessiv u mhux dovut;

Salv eccezzjonijiet ohra ulterjuri.

Sema’ x-xhieda kollha;

Ra d-dokumenti u l-atti kollha;

Ra l-verbal tal-10 ta' Gunju, 2014 fejn it-talba thalliet ghas-Sentenza.

Fis-seduta tas- 7 ta' Jannar, 2014 ir-raba eccezzjoni giet irtitrata.

Mill-provi irrizulta:

Xehed Clint Farrugia – *Claims Negotiator* tas-Socjeta' attrici Toly Products li timmanifattura prodotti kosmetici u tesportahom, fil-kaz in kwistjoni dawn kienu *containers* tal-plastic tal-kosmetika. L-assikurazzjoni li hargu tkopri it-tragit.[1] Ircevew *claim* li dawn il-prodotti kienu fil-kartun u l-kartun kien "*torn and punctured*"[2]. Peress li l-kontenut tal-merkanzija kienu kaxxi tal-*makeup* u ghalhekk kellhom jkunu sterilizzati, dawn ma kienux tajbin aktar ghaliex issa l-prodott kien *contaminated* u ghalhekk ma kienux tajbin ghall-uzu intiz.[3] Ix-xhieda stqarr illi il-ligijiet fl-Amerika fir-rigward tal-kosmetika huma stretti hafna u allura l-prodotti ma jigux accettati jekk ma jkunux fi stat tajjeb. Fit- 30 ta' Marzu, 2012 l-assikurazzjoni rceviet *claim* minn Clint Farrugia minn Toly Products limited. It-Tribunal ra dokument "CF8" li huwa dokument li huwa rapport tal-American Airline Cargo li fuqha tnizzel li kien hemm sitt mija u tlieta u ghoxrin (623) kaxxa u minnhom ghaxar (10) kaxxi kienu bil hsara. Il-verifika li ghamlet l-assikurazzjoni kienet ibazzata fuq dan ir-rapport, m'ghamlitx *survey* indipendenti. Il-konkluzjoni li waslu ghaliha kienet ibbazzata fuq ir-rapport li ghamlu l-klijenti, ir-ritratti u u d-dokument mahrug mill-American Airline Cargo (dok CF8) u l-fatt li l-klijenti kellhom jergghu jaghmlu din il-merkanzija.

Ghalhekk hallsu lill-assikurat l-ammont ta' elf, sitt mija u erbgha u sittin ewro u sittax-il centezmu (€1.664.16c) u ghalhekk gew surrogati fid-drittijiet ta' Toly Products. (Ara dok

[1] Ara Dok CF1 u CF2
[2] Ara ukoll xhieda tad-19 ta' Frar 2014 (CF3 u CFX 4)
[3] Ara doks CF3 sa CF6

"CF9" *subrogation form*.) Ara wkoll il-korrispondenza bejn is-Socjeta' konvenuta u l-assikurat fejn ma riedux jiehdu r-responsabilita' ta' dan.

Ra l-affidavit ta' **Clint Farrugia** ta' Toly Products li ddikjara illi huma kienu inkarigaw lil Allfreight Limited biex igoru l-merkanzija taghhom sitt mija u tnejn u tletin (632) *sterile cartons* ta' *make-up boxes* mill-imhazen tal-kumpanija taghhom ghall-kumpanija ohra Oxygen Development House fi Florida gewwa l-Amerika. Din il-merkanzija kienet ippakkjata f'sittax-il (16) pallet. Il-merkanzija kollha giet assikurata mis-Socjeta' attrici. Irrizulta illi meta rcevew il-merkanzija ghaxar (10) kaxxi kienu mqattghin u mifqughin [4]. Il-*makeup cases* jkunu gewwa borsa wahda kbira. Illi ghalhekk il-kontenut ma setghax jintuza mill-klijenti taghhom peress illi jkun hemm il-possibilta' ta' kontaminazzjoni u ghalhekk ma jibqghux tajbin ghall-uzu. Il-kumpanija Allfreight Limited pero' cahdet responsabilita'. [5] Gasan Mamo Insurance hallsu l-ammont ta' elf, sitt mija u erbgha u sittin ewro u sittax-il centezmu (€1664.16c) a saldu ta dan il-*claim*.

Xehed **Norvin Spiteri** li ddikjara illi meta l-kaxxi waslu ghad-destinazzjoni huma 'nformaw lill-klijent immedjatament. Toly Products tawhom struzzjoniiet li jzommu id-*damaged products* sabiex jaghmel *survey l-insurance* taghhom. [6] l-Etcom, li hija kumpanija li tirraprezenta lis-Socjeta' konvenuta f'Miami, infurmawhom li ghalihom il-kontenut ta' dawn il-kaxxi kien tajjeb. Il-hsara kienet wahda superficjali u l-kontenut kien fi stat tajjeb. Il-kaxxi baqghu l-Etcom u hadd ma mar jispezzjonahom. Hadd qatt ma tahhom struzzjonijiet x'jaghmlu b'dawn il-kaxxi[7]. Illi in kontro- ezami ddikjara hu li ma kienx jaf li dawn kellhom jinzammu *sterile*. Illi kienet Patricias Benagolia li kienet infurmatu dwar l-istat tal-prodotti ma kienx jaf l-inkargu taghha imma li kienet tahdem ghall-Etcom. In kontro ezami accetta li ma kinitx surveyor, pero' hi kienet li spezjonat il-kaxxi u qalet li kienu hsarat superficjali.

**Ikkunsidera:**

[4] Ara DOK CFX3
[5] Ara Dok CF5
[6] Ara doks NS3 u NS4
[7] Ara dok NS6

Illi dan huwa *claim* ghad-danni kagunati lill-assikurat Toly Products fuq prodotti li kellha tesporta barra minn Malta lejn l-Amerika. Hareg mill-provi u li ma hemmx kontestazzjoni li dawn ma gewx accettati mill-klijent tat-Toly Products ghaliex il-kaxxi ta' barra kienu mqattghin u mtaqqbin. Ir-rapport (a fol 23 tal-process) maghmul minn American Airlines Cargo jindika li kien hemm ghaxar (10) kaxxi li kienu "*torn*" u "*punctured*" u din hi l-prova li ressqet l-insurance. Illi huwa minnu illi dawn setghu jaghmlu *survey* fuq dawn l-ghaxar (10) kaxxi biex jkollhom l-ahjar prova ta' x'kienet il-hsara. Hareg ukoll li dan kien ghaliex dawn kienu prodotti ta' kosmetika li kellhom bilfors jkunu sterili u ghalhekk malli l-kaxxi gew imtaqqbin dawn ma kienux tajbin ghall-uzu tal-klijenti ta' Toly Products.

Ma ngabet l-ebda prova ohra hlief informazzjoni minghand impjegata tal-Etcom Worldwide Airlines li l-hsarat kienu superficjali ghaliex kienu fuq il-kaxxi. It-Tribunal ihoss illi minghajr apprezzament ghall-prodott kulhadd jista jaqa' ghal din il-konkluzjoni. It-Tribunal ghandhu jaghti decizjonijiet skont dak li hu ekwu ghalhekk in vista tal-fatt li l-merkanzija ma setghatx tintuza u ghalkemm ma hemmx *survey* hemm provi sufficjenienti biex juru illi l-hsara li giet ikkagunata saret fit-tragit u ghalhekk ghandu jilqa' t-talba tas-Socjeta' attrici fl-ammont kif mitlub.

**Decide**

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, *arbitrio boni viri* t-Tribunal jiddeciedi billi jichad l-eccezzjonijiet tas-Socjeta' konvenuta u jilqa' t-talbiet attrici fl-ammont ta' elf, sitt mija u erbgha u sittin ewro u sittax-il centezmu (€1,664.16c) bl-imghax u bl-ispejjez hekk kif mitlub fl-avviz.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------